MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Numru 495/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Helga Debono)**

**v**

**George Galea ta' 42 sena bin Emanuel u Annunziata nee Zammit, imwieled Qormi fil-1 ta' Settembru, 1958 u residenti St George's, Cannon Road, Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' 637458 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi George Galea li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-30 ta' Mejju, 2001 u fiz-zmien ta' qabel, gewwa l-fond Classic Video Rentals, Charlmike Garage, Misrah il-Barrieri, Santa Venera:

(1) xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe diversi videos u dan bi ksur ta' l-artikolu 298 (1)(f) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(2) Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproceda jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xihaga ohra u cioe diversi videos bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe t-Twentieth Century Fox Film Corporation u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta' Patrick Galea LL. D. hija rapprezentanti, protetti bil- jew taht il-ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 298b (1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(3) Ghall-qligh jew ghat-tqassim, jew ghall-wiri f'post pubbliku jew post accessibli ghall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort'ohra ghamel jew dahhal f'Malta jew akkwista, zamm, iccirkola jew importa xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggexx iehor ikun li jkun, pornografiku jew oxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le u icoe kellu ghall-kiri ammont ta' videos pornorgrafici u dan bi ksur tal-artikolu 208 (1) (2).

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra li tinfliggi l-pini stabbiliti mil-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Rat l-ammissjoni ta' l-akkuzat.

Issibu hati ta’ l-akkuzi wara li rat l-artikolu 298 (1) (f), 298 b(1), 208 (1) (2), 17, Kapitlu 9 (dan wara li rat l-akkuza kif korretta a fol 20).

Rat il-fedina penali ta’ l-akkuzat.

Tikkundannah ghal multa ta’ mitejn lira Maltija (Lm 200) u konfiska ta’ l-oggetti esebiti.

Rat l-artiklu 14 tal-Kapitlu 9 il-multa hi pagabbli b’rati mensili ta’ ghoxrin lira Maltin (Lm 20).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------